MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1609/2002

**Jurgen Brammer**

**Vs**

**Nazzareno sive Ronnie Zammit ezercitanti fil-kummerc bhala Ronnies Marine Centre**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm960 (disa` mija u sittin Lira Maltin) bhala danni sofferti mill-attur kawza ta' negligenza fl-ezekuzzjoni ta' xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta' l-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ disa` mija u sittin Lira Maltin (Lm960) jew somma verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-attur kawza ta’ negligenza u imperizja fl-esekuzzjoni ta’ xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta’ l-attur, fuq inkarigu ta’ l-istess attur;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-kovenut mhux responsabbli ghall-kwalunque danni li talvolta seta sofra l-attur u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna premessi bbazati fuq nuqqas tal-konvenut fl-espletar ta’ inkarigu lilu mghoti mill-attur, u tali nuqqas ikkaguna dannu. Allura l-attur jrid jipprova n-nexus danneggjatorju fejn l-azzjoni u/jew nuqqas ta’ azzjoni u li konsegwiment peggjoratorju fil-partimonju attrici.

L-allegazzjoni attrici hija ribatuta mill-konvenut. In vista li hija materja teknika, l-attur ipproduca espert ‘ex parte’ li esibixxa certifikat u kkonfermah seduta stante. Li huwa illuminarju huwa l-kontro-ezami tal-istess surveyor Joseph Amato a Fol, 114 et seq. Ibbaza ruhu fuq dak li qallu l-istess attur minghajr ebda verifika. Anzi stqarr li fuq filters ma jifhimx. Paul Bellizzi – il-fornitur tal-filter – stqarr li mexa skond il-procedura debita u l-manwali provduti.

Illi l-pretenzjoni attrici ghar-risarciment ta’ danni huwa essenzjalment allacjat ma’ kagun ta’ tort. Biex il-persuna tkun responsabbli irid jigi ppruvat it-tort ta’ din il-persuna fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilu mghoti. Fin-nuqqas ta’ prova

anke jekk mhux skjaccanti izda fuq bazi ta' probabilita`; l-azzjoni attrici ma tkunx tista' tirnexxi.

L-oneru tal-prova jingombi fuq min jallega. Jekk dan l-oneru ma jigix skagunat minnu, l-azzjoni tieghu ma tkun tista' tirnexxi. Fil-kaz odjern, l-attur naqas li jippruvah u ghalhekk it-talba tieghu ma tistax tigi akkolta.

Jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------